**LAQGĦA ANNWALI ĠENERALI – 2018**

L-erbgħa u għoxrin laqgħa annwali ġenerali għas-sena 2018 inżammet fis-sala tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex, nhar it-Tlieta, 6 ta' Frar 2018 fis-19.00.

Preżenti:
Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schemberi, il-membri Maria Portelli u Marcel Tabone u s- Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

Skuzati:
Il-membri Joe Debrincat, Michel Buttiġieġ u Anthony Briffa.

**Talba**

Wara t-talba inqraw il-minuti tal-laqgħa tas-sena li għaddiet.

**Mill-minuti**

Saru mistoqsijiet rigward il-latrini pubbliċi. Is-Sindku spjega li hemm il-ħsieb li l-manteniment u t-titndif tal-latrini jaqgħu f'idejn il-Gvern Ċentrali. Dawn huma propjeta' tal-Gvern, pero' fil-preżent il-kunsill jieħu ħsieb it-tindif u l-mateniment tagħhom.

**Rapport tas- Sindku**

Is-Sindku ressaq rapport dettaljat ta' xogħolijiet li tkomplew u twettqu matul is-sena 2017. Dan ir-rapport jinsab anness.

**Intervent mill- Pubbliku**

1. Tressqu lmenti li fi Triq Santa Dminka fl-*area* ta' fejn *Manresa House*, hemm bżonn ta' aktar dawl fit-triq. Wara li jikkonsulta l-enġiniera tad-dawl, il-Kunsill ser jara li jiżdied id-dawl neċessarju. Bħalissa qed isir ix-xogħol preparatorju sabiex teħel bozza f'din it-triq faċċata ta' *Lighthouse Supermarket.*

2. Fi Triq Santa Dminka qrib il- *Victoria Scouts* hemm bżonn li jsir *patching*. Il-kunsill ser jirrapporta lill-Gvern Ċentrali peress li din hi arterja.

3. Il-kunsill ġie mistoqsi fir-rigward tal-ħajt li hemm ħiereġ 'il barra fi Triq Santa Dminka biswit il-*Victoria Scouts*. Is-Sindku spjega li f'din tidħol il-kwistjoni tal-esproprijazzjoni tal-art.

4. Residenti minn Triq Ninu Cremona staqsew jekk il-kunsill għandux il-ħsieb li jagħmel din it-triq *two way* għat-traffiku. Staqsew dan peress li riċentament f'gażżetta lokali dehret ittra fejn ġie suġġerit dan. Is-Sindku ċċara l-fatt li l-kunsill m'għandux dan il-ħsieb u li kemm ilu Sindku hu dan qatt ma ġie diskuss. Ir-residenti qalu li jekk din titla' fuq l-aġenda tal-kunsill, huma għandhom jiġu konsultati. Qalu wkoll li avviċinaw lill-Ministeru għal Għawdex u lil *Transport Malta* u t-tnejn avżawhom li m'hemm ebda' suġġeriment fuq din il-kwistjoni.

5. Tressqu lmenti rigward il-ħmieġ li jiġi kkawżat mis-siġar ta' Pjazza Indipendenza. Is-Sindku spjega rigward din il-problema u fir-rigward tal-fondi li ntilfu minħabba li dawn ma kienx inħareġ il-permess biex jitneħħew. Fil-proġett tal-ERDF il-kunsill kellu €250,000 sabiex jinkixfu l-iskavi li huma dokumentati fl-istudji ta' David Trump.

6. Il-kunsill ġie mistoqsi jekk għandux lista ta' bini li jrid jaqa' jew fejn ikun hemm il-linja tal-bini trid tidħol il-ġew. Is-Sindku qal li m'għandux informazzjoni fuq hekk. Li jiġri biss hu li l-Awtorita' tal-Ippjanar tgħarraf lill-kunsill kull meta jkun ser isir *street alignment* u l-Perit tal-kunsill jara li dan ma jkunx ser jippreġudika linji eżistenti.

7. Sar suġġeriment sabiex il-kunsill jorganiżża *keep fit classes*.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u s-Sindku rringrazza lil kull minn attenda.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |